Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,718, 15 ta' Settembru, 2026
Taqsima B

A.L. 243 tal-2026

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikoluży, Terminals u Faċilitajiet Marittimi u *Bunkering*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikoluży, Terminals u Faċilitajiet Marittimi u *Bunkering*, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikoluży, Terminals u Faċilitajiet Marttimi u *Bunkering*, hawn aktar 'il quddiem msejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 499.12.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subparagrafu (ċ) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"(ċ) jimplimentaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE.".

Jissostitwixxi r-regolament 70 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 70 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"70. L-operaturi ta' terminals marittimi u faċilitajiet marittimi għandhom jipprovdu lill-Awtorità, minn żmien għal żmien, għall-użu esklussiv u kunfidenzjali tagħha, u f'konformità mar-rekwiżiti tal-Istrumenti Rilevanti, dettalji sħaħ u informazzjoni aġġornata dwar is-sikurezza u t-tniġġis, il-prevenzjoni u l-kontroll, inkluża data operazzjonali rilevanti, riżorsi ta' tagħmir u persunal, proċeduri, politiki u pjanijiet ġenerali u speċifiċi dwar it-tifi ta' nirien, emerġenzi u prevenzjoni u kontroll ta' tniġġis.".

Jemenda r-regolament 78 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 78 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-kliem "Operatur għandu, fl-intervalli speċifikati f'dan ir-regolament", għandhom jiġu miżjuda l-kliem "u f'konformità mar-rekwiżiti tal-Istrumenti Rilevanti";

(b) is-subregolament (8) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(8) operatur għandu jwettaq eżerċizzji u drills regolari u perjodiċi għar-rispons għal emergenża u għar-rispons għal tniġġis minn żjut u sustanzi perikoluż u noċivi, kif approvati mill-Awtorità u f'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Ippjanar tar-Rispons għall-Emerġenza (ERP) maħruġa mill-Awtorità, filwaqt li juża r-riżorsi u l-persunal tiegħu stess, kif ġej:

(a) mill-inqas darba kull tliet (3) xhur, drills għar-rispons għal emerġenza u, jew għar-rispons għal tniġġis minn żjut u sustanzi perikoluż u noċivi;

(b) mill-inqas darba kull tnax (12)-il xahar, eżerċizzju għar-rispons għal emerġenza fuq skala sħiħa jew eżerċizzju wieħed (1) ikkombinat għar-rispons għal emerġenza u għar-rispons għal tniġġis minn żjut u sustanzi perikoluż u noċivi.".